Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta' Frar 2001.

Avviz Nru: 1227/00

Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance PLC ga Guardian Royal Exchange, PLC kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Amabile Barbara f'ismu propju

Vs

Vincent Mifsud

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghas-somma komplessiva ta' tmien mija u tnejn u sittin lira Maltin u tmenin centezmi (Lm862.80c) danni mhallsa mill-attur nomine fuq vettura IAL-059 asskurata comprehensive hlief ghall-hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) excess u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta' Amabile Barbara u dan b'rizultat ta' habta li grat fit-30 ta' Marzu 2000 gol-Imqabba waqt li l-konvenut kien qed issuq il-vettura JAD-409 habat mal-vettura IAL-059 propieta' ta' Amabile Barbara u misjuqa minnu u ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tat-3 ta' Awissu 2000, tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju Numru 2013/00 tal-20 ta' Lulju 2000 u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju prezentat illum u

bl-imghax tat-8% fuq Lm862.80c mill-20 ta' Lulju 2000 kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gusitifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi is-somma komplessiva ta' tminn mija tnejn u sittin lira u tmenin centezmu (Lm862.80c) ghar-ragunijiet kollha ndikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mill-20 ta' Lulju 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg